Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,371, 23 ta' Marzu, 2020

Taqsima B

A.L. 100 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda s-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda s-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-23 ta' Marzu, 2020.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 465.

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa Pubblika;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Miżuri li jittieħdu mis-Suprintendent.

3. F'konformità mal-artikoli 27(ċ) u 29(1) tal-Att, is-Suprintendent b'dan qiegħda tippreskrivi miżuri li jissalvagwardjaw kontra u, jew jikkontrollaw il-marda infettiva COVID-19.

Osservanza tal-ordni. A.L. 101 tal-2020.

4. L-Ordni tal-2020 dwar is-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati, maħruġ mis-Suprintendent, għandu jkun strettament osservat.

Reati u penali.

5. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' tliet elef euro (€3, 000) għal kull darba mill-okkażjonijiet li l-persuna tikser l-Ordni tal-2020 dwar is-Sospensjoni ta' Avvenimenti Organizzati.

A.L. 101 tal-2020.